MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1084/2004

**Aluserv Ltd.**

**vs**

**Malcolm Mallia**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-21 ta' Mejju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u sebgha u sebghin lira Maltija (Lm377.00) u fejn intqal:**
**Illi Il-konvenut kien ordna xoghol ta' aluminium minghand l-attur u ix-xoghol gie kkonsenjat;**
**Illi baqa' bilanc li l-konvenut ghandu jhallas ammontanti ghal tlett mija u sebgha u sebghin lira Maltija (LM377), liema ammont il-konvenut kien accetta li jhallas;**

**Ghaldaqstant is-socjeta attrici tablet li l-konvenut jigi kkundannat li jhallas l-ammont msemmi rapprezentanti bilanc dovut, bl-ispejjez u bl-imghax legali u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-21 ta' Gunju, 2004, fejn intqal:**
**Illi, preliminarjament, l-azzjoni kif intavolata hija monka stante illi il-gudizzju ma huwiex integru, kif jintwera aktar dettaljatament waqt il-mori tal-kawza;**
**Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut ma ghandu jaghti l-ebda flejjes lis-socjeta attrici, stante li sar pagament lilha da parte tal-konvenut, a saldu tal-pretenzjonijiet taghha, liema pagament gie accettat u msarraf debitament, kif jintwera aktar dettaljatament waqt il-mori tal-kawza;**
**Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ix-xoghol tas-socjeta attrici ma sarx skond is-sengha u l-arti u ghalhekk ma ghandu jithallas l-ebda bilanc iehor pretiz mis-socjeta attrici;**
**Salv eccezzjonijiet ohra.**
**Semgha x-xhieda ta' Nadine Vassallo, Dr. Martin Fenech, Malcolm Mallia. Ha konjizzjoni tad-dokumenti ezibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan il-kaz qed jsir ghal bilanc fuq ordni ta' xoghol ta' Aluminium.**
**2. L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut dwar l-integrita' tal-gudizzju giet rtirata kif jirrizulta mill-verbal tat-13 ta' Ottubru 2004.**
**3. Provi dwar it-tielet eccezzjoni, cioe' li x-xoghol ma kienx skond is-sengha u l-arti ma ngibux.**
**4. Jibqa' ghalhekk li tigi ezaminata l-eccezzjoni tal-konvenut illi sar il-pagament.**
**5. Jirrizulta illi fl-4 ta' Mejju 2004 il-konvenut ta' ittra b''cheque' lis-socjeta' attrici. F-din l-ittra Dok. SGT1 hemm mnizzel is-segwenti "I am enclosing a cheque of LM470, in full and final settlement with respect to works (installation of apertures) carried out at 75, Triq**

**it-Tiben, Swieqi." Ic-'cheque' Nru. 001077 datat 5 ta' Mejju 2004 gie sbankat dakinhar stess skond ma jirrizulta mid-DOK.M2 a fol 20 tal-process.**

**6. Is-socjeta' attrici qed tghid illi hi b'ittra DOK.M3 datata 5 ta' Mejju 2004 mibghuta lil-konvenut, iddikjarat li ma kienitx qed taccetta illi l-pagament effetwat kien qed jsir <u>"in full and final settlement"</u>.**

**7. It-Tribunal jhoss illi ghandu jirrimarka dwar il-fatt illi Dr. Martin Fenech ipprova jghin biex jirrisolvi din il-kwistjoni bejn il-partijiet u wiehed japprezza l-isforzi li ghamel fir-rigward biex tigi evitata kawza fil-Qorti.**

**8. Kif ritenut mill-Qorti ta' L-Appell (Sede Kummercjali), fil-kawza fl-ismijiet William Apap Vs. Joseph Galea et nomine, deciza fis-26 ta' Novembru 1986, jintqal hekk;**

**"Infatti jekk id-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u ndubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretenzonijiet kollha tal-kreditur, m'ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaccetah b'kondizzjonijiet u riservi li necessarjament huma nkonsistenti ma offerta ta' pagament a saldu;**

**Fil-kaz in disamina l-konvenut nomine akkompanja ic-'cheque' b'ittra li ma thallix dubbju dwar xi mod ta' pagament kien qed jigi offert. Infatti, fl-ewwel paragrafu, hemm il-kliem "*attached please find our cheque for LM150 in settlement of the Vintage Car Exhibition which you arranged for our Ford Showroom in Pieta', inclusive of all other charges*", u fl-ahhar paragrafu il-mittent informa lill-attur li "*the attached cheque for LM150 is in full and final settlement of all moneys due to you from us*";**

**Il-pagament ma giex offert b'xi riserva favur l-appellant li ghalhekk, jekk kellu pretenzjonijiet ohra oltre dak li kien qed jigi offert lilu, ma kellux jsarraf ic-'cheque' li baghatlu il-konvenut nomine. In fondo, hawn qeghdin fl-iktar oggetti elementari in material ta' pagament u offerti ta' pagament u din il-Qorti ma jidrilhiex li ghandha ghalfejn tespandi aktar."**

**9. Ghalhekk fil-kawza odjern, fic-cirkostanzi meta l-konvenuta offra l-pagament tieghu permezz ta' cheque anness ma l-ittra, liema cheque gie msarraff, u**

**liema pagament gie offrut “in full and final settlement”, ma hemmx dubju li tali pagament fil-fatt kien sar a saldu u konsegwentement l-eccezjoni tal-konvenut f’dan ir-rigward ghandha tigi milqugha.**

**Ghaldaqstant, peress illi gie ippruvat li l-pagament sar a saldu it-Tribunal qed jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-istess.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------